2025/1126

15.9.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1126

tal-5 ta' Ġunju 2025

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' formoli, mudelli u proċeduri standard għall-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni biex jiġu offruti tokens irreferenzjati ma' assi lill-pubbliku u biex titfittex l-ammissjoni tagħhom għall-kummerċ

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18(7), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1125 ([2]) jispeċifika l-informazzjoni li għandha tkun inkluża f'applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex jiġu offruti tokens irreferenzjati ma' assi lill-pubbliku u biex tintalab l-ammissjoni tagħhom għan-negozjar skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2023/1114.

(2) Sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn il-persuni ġuridiċi li jkunu qed ifittxu awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 18(6) tar-Regolament (UE) 2023/1114 u l-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiddeżinjaw punt ta' kuntatt speċifikament biex jirċievu l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni biex jiġu offruti tokens irreferenzjati ma' assi lill-pubbliku u biex titfittex l-ammissjoni tagħhom għall-kummerċ, u jenħtieġ li jippubblikaw l-informazzjoni fuq il-punt ta' kuntatt fuq is-sit web tagħhom.

(3) Għall-finijiet ta' armonizzazzjoni, il-persuni ġuridiċi jew impriżi oħra li jkollhom l-intenzjoni li joffru lill-pubbliku jew li jfittxu l-ammissjoni għall-kummerċ ta' tokens irreferenzjati ma' assi ("emittenti li japplikaw") jenħtieġ li jissottomettu l-informazzjoni meħtieġa għal tali awtorizzazzjoni b'mod uniformi u jenħtieġ li jużaw, madwar l-Unjoni kollha, l-istess formoli, mudelli u proċeduri standard għall-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-applikazzjoni.

(4) L-informazzjoni ppreżentata mill-emittenti li japplikaw jenħtieġ li tkun vera, preċiża, kompluta u aġġornata mill-mument tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni sal-mument tal-għoti tal-awtorizzazzjoni. Minħabba li xi informazzjoni tista' tirreferi biss għall-futur, kwalunkwe data futura inkluża fl-informazzjoni jenħtieġ li tiġi identifikata speċifikament fl-applikazzjoni.

(5) Sabiex jiġi żgurat trattament fil-pront u f'waqtu tal-applikazzjonijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkonfermaw ir-riċevuta tal-applikazzjoni billi jibagħtu b'mod elettroniku, fuq karta, jew fiż-żewġ forom, konferma tar-riċevuta lill-emittent li japplika. Dik il-konferma tar-riċevuta jenħtieġ li tinkludi d-dettalji ta' kuntatt tal-persuni jew tal-funzjonijiet responsabbli mit-trattament tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni.

(6) Sabiex tiġi żgurata proċedura ċara, trasparenti u uniformi applikabbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni sottomessa lill-awtoritajiet kompetenti, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati ċerti regoli ta' proċedura.

([1]) ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1125 tal-5 ta' Ġunju 2025 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni f'applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex jiġu offruti tokens irreferenzjati ma' assi lill-pubbliku jew biex tingħata l-awtorizzazzjoni biex jiġu nnegozjati (ĠU L, 2025/1125, dd.mm.yyyy, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/1125/oj).

(7) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni, żviluppati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, ippreżentati lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea.

(8) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji relatati potenzjali u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni biex jiġu offruti tokens irreferenzjati ma' assi lill-pubbliku u biex titfittex l-ammissjoni tagħhom għall-kummerċ

1. L-emittenti li japplikaw li jissottomettu applikazzjoni lill-awtorità kompetenti tagħhom għall-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2023/1114 f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1125 għandhom jużaw il-formola standard stabbilita fl-Anness I u l-mudell stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

2. Fuq is-sit web tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu d-dettalji ta' kuntatt tagħhom relatati mas-sottomissjoni għall-awtorizzazzjoni, u l-formola standard stabbilita fl-Anness I u l-mudell stabbilit fl-Anness II.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jindikaw fuq is-sit web tagħhom il-mod kif l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandha tiġi sottomessa bl-informazzjoni u d-dokumenti kollha mitluba, b'upload fuq portal tal-Internet indikat fuq is-sit web tal-awtorità kompetenti jew b'mezzi elettroniċi oħra jew, għal dokumenti speċifiċi li għandhom jiġu ppreżentati fl-oriġinal, f'konformità mal-liġi nazzjonali, f'forma stampata. Fuq is-sit web jew il-portal tal-Internet tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jindikaw b'mod ċar liema dokumenti għandhom jiġu ppreżentati f'forma stampata oriġinali, skont il-liġi nazzjonali.

4. Meta l-awtoritajiet kompetenti jirrikjedu s-sottomissjoni ta' informazzjoni kemm f'forma elettronika kif ukoll f'forma stampata, f'każ ta' diskrepanza fl-informazzjoni pprovduta, l-informazzjoni sottomessa f'forma stampata għandha tipprevali.

Artikolu 2

Valutazzjoni tal-kompletezza tal-applikazzjonijiet

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni bħala kompluta meta dik l-applikazzjoni jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa msemmija fl-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2023/1114 u fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1125, bil-kontenut u l-livell ta' dettall xierqa li jippermettu lill-awtorità kompetenti twettaq il-valutazzjoni tal-applikazzjoni. Meta, f'konformità mal-Artikolu 1(4) ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tkun teħtieġ parti mill-informazzjoni f'forma stampata, l-applikazzjoni ma għandhiex titqies kompluta sakemm tirċievi l-informazzjoni f'forma stampata.

2. Meta l-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, inkluża l-white paper dwar il-kriptoassi msemmija fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2023/1114, tiġi vvalutata u tinstab li ma tkunx kompluta, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw minnufih lill-applikant skont l-Artikolu 20(1) ta' dak ir-Regolament u jindikaw l-informazzjoni meħtieġa nieqsa. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jibagħtu tali notifika f'format stampat jew b'mezzi elettroniċi u għandhom jindikaw id-dettalji ta' kuntatt, il-modalitajiet, sew permezz ta' upload fuq il-portal tal-Internet, b'mezzi elettroniċi jew f'forma stampata, u l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-informazzjoni nieqsa stabbilita f'konformità mal-Artikolu 20(3) tar-Regolament (UE) 2023/1114.

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj).

3. Malli applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tiġi vvalutata bħala kompluta f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2023/1114 u l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-applikant b'dak il-fatt, flimkien mad-data tal-wasla tal-applikazzjoni kompluta jew, fejn applikabbli, id-data tal-wasla tal-informazzjoni li kkompletat l-applikazzjoni.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Formola standard għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex jiġu offruti tokens irreferenzjati ma' assi lill-pubbliku u biex titfittex l-ammissjoni tagħhom għall-kummerċ, sottomessa f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1126

Il-post u d-data: _____

MINN:

Isem l-applikant:

L-isem kummerċjali, jekk differenti:

Indirizz:

Id-dettalji tal-persuna ta' kuntatt maħtura fi ħdan l-emittent li japplika:

Isem:

Pożizzjoni fl-emittent li japplika:

Telefown:

Email:

Dettalji ta' kuntatt tal-konsulent professjonali dežinjat:

Isem:

Indirizz:

Telefown:

Email:

LIL:

Awtorità kompetenti:

Indirizz:

Stat Membru:

Din hi applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex jiġi offrut token irreferenzjat ma' assi lill-pubbliku jew titfittex l-ammissjoni tiegħu għall-kummerċ, sottomessa f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1126 ([2]) li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' formoli, mudelli u proċeduri standard għall-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-applikazzjoni.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1126 tal-5 ta' Ġunju 2025 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' formoli, mudelli u proċeduri standard għall-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni biex jiġu offruti tokens irreferenzjati ma' assi lill-pubbliku u biex titfittex l-ammissjoni tagħhom għall-kummerċ (ĠU L, 2025/1126, dd.mm.yyyy, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1126/oj).

1. Tip ta' applikazzjoni (immarka l-kaxxa rilevanti):

☐ a) L-ewwel awtorizzazzjoni biex jiġi offrut lill-pubbliku jew biex titfittex l-ammissjoni għall-kummerċ ta' token irreferenzjat ma' assi

☐ b) Addizzjonalment għal awtorizzazzjoni mogħtija preċedentement mill-istess awtorità kompetenti fir-rigward ta' token irreferenzjat ma' assi, awtorizzazzjoni ġdida biex jiġi offrut lill-pubbliku jew biex tfittex ammissjoni għall-kummerċ ta' token irreferenzjat ma' assi ieħor

2. Klassifikazzjoni volontarja ta' tokens irreferenzjati ma' assi bħala token irreferenzjat ma' assi sinifikanti

Speċifika jekk l-applikazzjoni tinkludix it-talba għal klassifikazzjoni volontarja tat-token irreferenzjat ma' assi bħala token irreferenzjat ma' assi sinifikanti (immarka Iva jew Le)

☐ Iva

☐ Le

Niċċertifikaw li l-informazzjoni pprovduta f'din l-applikazzjoni hija vera, preċiża, kompluta u mhux qarrieqa. Sakemm mhux stipulat speċifikament mod ieħor, l-informazzjoni hi aġġornata fid-data ta' din l-applikazzjoni.

Informazzjoni li tindika data futura hi identifikata b'mod espliċitu fl-applikazzjoni u aħna nimpenjaw ruħna li ninnotifikaw lill-awtorità bil-miktub mingħajr dewmien jekk kwalunkwe informazzjoni bħal din tirriżulta li tkun mhux vera, impreċiża, mhux kompluta jew tkun qarrieqa.

F'każ ta' applikazzjoni ġdida wara awtorizzazzjoni preċedenti biex jiġi offrut lill-pubbliku jew biex titfittex ammissjoni għall-kummerċ ta' token irreferenzjat ma' assi mogħtija mill-istess awtorità kompetenti, l-ittra ta' sottomissjoni għandu jkun fiha d-dikjarazzjoni li ġejja:

Nirrikonoxxu li ngħatat awtorizzazzjoni biex noffru lill-pubbliku/biex titfittex ammissjoni għall-kummerċ ta' token irreferenzjat ma' assi minn [din l-awtorità kompetenti: l-isem tal-awtorità kompetenti] fi [JJ/XX/SSSS] u f'konformità mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) 2023/1114 l-applikazzjoni attwali ma tinkludix informazzjoni li kienet sottomessa qabel lill-awtorità kompetenti fejn tali informazzjoni tkun identika u sadanittant ma nbidlitx. Niċċertifikaw ukoll li kwalunkwe informazzjoni li ma tiġix sottomessa mill-ġdid fl-applikazzjoni attwali hija identika għal dik diġà fil-pussess tal-awtorità kompetenti u li għadha vera, preċiża u aġġornata.

ANNESS II

Mudell għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni biex jiġu offruti tokens irreferenzjati ma' assi lill-pubbliku u biex titfittex l-ammissjoni tagħhom għall-kummerċ

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti

Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tal-offerta ta' tokens irreferenzjati ma' assi lill-pubbliku u tat-talba għall-ammissjoni tagħhom għall-kummerċ				
Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti				
Qasam		Subqasam (deskrizzjoni qasira tad-dispożizzjoni msemmija)		Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1125 [1]
1	Tip ta' applikazzjoni	1	L-emittent li japplika diġà ngħata awtorizzazzjoni biex joffri lill-pubbliku/biex ifittex ammissjoni għall-kummerċ ta' token irreferenzjat ma' assi mill-awtorità kompetenti? ☐ Iva ☐ Le Jekk iva, issottometti biss l-informazzjoni li nbidlet wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni li diġà ġiet approvata	Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) 2023/1114
		2	L-applikazzjoni tinkludi t-talba għal klassifikazzjoni volontarja tat-token irreferenzjat ma' assi bħala token irreferenzjat ma' assi sinifikanti? ☐ Iva ☐ Le	L-Artikolu 3(4) tar-[Regolament delegat li jistabbilixxi l-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tkun inkluża f'applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' offerta lill-pubbliku jew l-ammissjoni għall-kummerċ ta' tokens irreferenzjati ma' assi]
2.1	il-persuni ta' kuntatt għall-applikazzjoni	1	L-isem sħiħ u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuna fi ħdan l-emittent li japplika li għandha tiġi kkuntattjata fir-rigward tal-applikazzjoni	Artikolu 1(1), il-punti (j) u (k)
		2	Isem sħiħ u d-dettalji ta' kuntatt tal-konsulent professjonali prinċipali (fejn applikabbli)	
2.2	Identifikazzjoni tal-applikant:	1	L-emittent li japplika huwa persuna ġuridika? ☐ Iva ☐ Le Jekk iva, issottometti l-informazzjoni stabbilita fis-suboqsma 2 u 4; jekk le, issottometti l-informazzjoni stabbilita fis-suboqsma 2, 3 u 4	
		2	L-isem ġuridiku sħiħ, l-isem/ismijiet kummerċjali, l-indirizz(i) tal-Internet, il-kanali ta' kummerċjalizzazzjoni u l-logo(s), u kwalunkwe bidla prevista fejn applikabbli. Għall-persuni ġuridiċi fl-ambitu tad-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], l-isem ġuridiku għandu jkun l-isem tal-kumpanija skont ir-reġistru kummerċjali nazzjonali msemmi fl-Artikolu 16 tad-Direttiva (UE) 2017/1132.	Artikolu 1(1)(a)

			Identifikatur ta' entità ġuridika rilaxxat f'konformità mat-termini ta' kwalunkwe Unità Operatorja Lokali akkreditata tas-Sistema LEI Globali	Artikolu 1(1)(b)
			Il-forma ġuridika, id-data u l-Istat Membru ta' inkorporazzjoni jew formazzjoni, l-indirizz(i). Għall-persuni ġuridiċi fl-ambitu tad-Direttiva (UE) 2017/1132, din l-informazzjoni għandha tkun l-istess bħall-informazzjoni skont ir-reġistru kummerċjali nazzjonali msemmi fl-Artikolu 16 tad-Direttiva (UE) 2017/1132.	Artikolu 1(1)(c), (d) u (e)
			Dettalji tar-reġistrazzjoni fir-reġistru rilevanti, fejn applikabbli, u kopja taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni. Għall-persuni ġuridiċi fl-ambitu tad-Direttiva (UE) 2017/1132, id-dettalji tar-reġistrazzjoni għandhom ikunu n-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija u l-EUID skont ir-reġistru kummerċjali nazzjonali msemmi fl-Artikolu 16 tad-Direttiva (UE) 2017/1132.	Artikolu 1(1)(f)
			Strumenti ta' kostituzzjoni jew statut u l-artikli ta' assoċjazzjoni	Artikolu 1(1)(g)
		3	meta l-emittent li japplika jkun impriża li mhijiex persuna ġuridika, dokumentazzjoni li tiċċertifika protezzjoni ekwivalenti tal-interessi tal-partijiet terzi u ta' superviżjoni prudenzjali ekwivalenti	Artikolu 1(1)(h)
		4	Data ta' tmiem is-sena kontabilistika	Artikolu 1(1)(i)
3.1	Programm tal-operazzjonijiet: informazzjoni dwar il-mudell ta' negozju, l-istrateġija u l-profil tar-riskju			
		1	Il-karatteristiċi ewlenin tat-token irreferenzjat ma' assi li għalih tintalab l-awtorizzazzjoni għall-offerta lill-pubbliku u għall-ammissjoni għall-kummerċ, inklużi r-rekwiżiti kollha ta' informazzjoni stabbiliti fid-dispożizzjoni rilevanti, inkluż it-tip ta' token, l-oġġett tal-awtorizzazzjoni, l-opinjoni ġuridika dwar il-kwalifika tat-token irreferenzjat ma' assi f'konformità mal-Artikolu 18(2)(e) tar-Regolament (UE) 2023/1114, il-mekkaniżmu tal-ħruġ u tat-tifdija, l-indikazzjoni tad-distributuri, il-politika dwar il-ħatra ta' entitajiet oħra għall-offerta pubblika jew l-ammissjoni għall-kummerċ, il-protokoll użat, it-teknoloġija tar-reġistru/i distribwit(i) (distributed ledger(s) technology, DLT) fejn jinħareġ it-token u l-pontijiet bejn tali DLT.	L-Artikolu 2(2), il-punt (a)(i), il-punti (1) sa (7)
		2	Informazzjoni dwar kwalunkwe ħruġ pendenti ta' kriptoassi jew assi diġitali oħra tal-emittent li japplika, u kwalunkwe attività finanzjarja u mhux finanzjarja oħra tal-emittent li japplika	Artikolu 2(2), punti (a)(ii) u (iii)
		3	Fejn applikabbli, deskrizzjoni tal-grupp u tal-attivitajiet tal-entitajiet fil-grupp	Artikolu 2(2), punt (a)(iv)
		4	Deskrizzjoni tal-ambjent tan-negozju fejn se jopera l-emittent li japplika	Artikolu 2(2)(b)

		5	Deskrizzjoni tal-istrateġija tan-negozju ġenerali tal-emittent li japplika, il-lista tal-Istati Membri ospitanti fejn l-emittent li japplika jkun biħsiebu joffri t-token irreferenzjat ma' assi lill-pubbliku jew fejn tintalab l-ammissjoni għall-kummerċ u, fejn applikabbli, l-istrateġija tal-grupp u l-valutazzjoni tar-riskju tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju.	Artikolu 2(2), il-punt (c)
3.2	Programm tal-operazzjonijiet: informazzjoni dwar il-previżjoni finanzjarja, u informazzjoni finanzjarja passata	1	Informazzjoni finanzjarja ta' previżjoni: pjanijiet kontabilistiċi għat-3 snin wara l-għoti tal-awtorizzazzjoni skont xenarju bażi u xenarju ta' stress, is-suppożizzjonijiet tal-ippjanar relatati, u spjegazzjoni li torbot id-deskrizzjoni tal-attivitajiet tan-negozju.	Artikolu 3(5) punti (a) u (b)
		2	Kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-perjodu tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju ta' 3 snin	Artikolu 3(5), (d) u (e)
		3	Kalkolu tal-ammont u l-kompożizzjoni tar-riżerva ta' assi u l-adegwatezza tagħhom biex jiġi żgurat l-eżerċizzju permanenti tad-drittijiet ta' tifdija matul il-perjodu ta' żmien tan-negozju	Artikolu 3(5), punt (f)
		4	Informazzjoni finanzjarja passata f'livell individwali, konsolidat u subkonsolidat, kif applikabbli	Artikolu 3(6)
4.1	Arranġamenti interni ta' governanza u organizzazzjoni strutturali	1	Ċart tal-istruttura organizzazzjonali, termini ta' referenza tal-korp maniġerjali, deskrizzjoni tan-numru u l-profil previsti tar-riżorsi umani u r-riżorsi teknoloġiċi, proċedura u arranġamenti ta' rapportar, kodiċi ta' kondotta, deskrizzjoni ta': (a) il-politika ta' kif jiġu ġestiti l-ilmenti; (b) il-politika dwar il-kunflitti ta' interess; (c) il-proċedura li tiżgura konformità mar-rekwiżiti kollha ta' divulgazzjoni	Artikolu 4(1)
		2	L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-fornituri terzi kollha ta' servizzi u deskrizzjoni ta' kull arranġament bħal dan	Artikolu 4(2)
4.2	Qafas ta' kontroll intern: aspetti ġenerali	1	Deskrizzjoni komprensiva tal-qafas ta' kontroll intern tal-applikant inkluż: (a) il-funzjoni tal-konformità interna; (b) il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju u l-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju jew, jekk il-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju ma tkunx stabbilita f'konformità mal-kriterji tal-proporzjonalità, l-arranġamenti ma' fornituri terzi; (c) is-sistemi u l-kontrolli tal-ġestjoni tar-riskju, inkluża l-istrateġija għall-identifikazzjoni, għall-valutazzjoni, għall-monitoraġġ, għall-mitigazzjoni u għar-rappurtar tar-riskji kollha;	Artikolu 5(1), punti (a) sa (d)

			(d) il-funzjoni tal-awditu intern jew, fejn il-funzjoni tal-awditu intern ma tkunx stabbilita f'konformità mal-kriterji tal-proporzjonalità, l-arranġamenti ma' fornituri terzi.	
		2	Spjegazzjoni tal-arranġamenti ta' governanza implimentati biex jiġu żgurati s-separazzjoni u s-segregazzjoni adegwata tad-dmirijiet tal-linji u tal-unitajiet operatorji mill-funzjonijiet ta' kontroll intern, u l-indipendenza tal-funzjonijiet ta' kontroll intern.	Artikolu 5(1), punt (e)
4.3	Qafas ta' kontroll intern: Ġestjoni tar-riskju tal-ICT	1	Deskrizzjoni dokumentata tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tal-ICT, inklużi s-sistemi, il-protokolli u l-għodod tal-ICT li juru li jikkonformaw mal-Artikolu 6(1) u (7) u mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3])	Artikolu 5(2), il-punti (a), (b) u (c)
		2	Deskrizzjoni komprensiva tal-proċess u s-sistemi tal-ICT li juru l-kapaċità li jipprovdi lill-emittent li japplika b'informazzjoni u data affidabbli insostenn tar-rekwiżiti tar-rapportar tad-data	Artikolu 5(2), punt (d)
		3	Deskrizzjoni tal-pjan għall-kontinwità tal-operat u tal-politika li tiżgura l-kapaċità tal-emittent li jopera fuq bażi kontinwa u li jillimita t-telf f'każ ta' tfixkil serju tan-negozju	Artikolu 5(3)
4.4	Qafas ta' kontroll intern – DLT proprjetarja jew teknoloġija simili	1	L-applikant joħroġ, jittrasferixxi jew jaħżen tokens irreferenzjati ma' assi f'DLT proprjetarja jew f'teknoloġija simili operata mill-emittent jew minn parti terza li taġixxi f'ismu? ☐ Iva ☐ Le Jekk iva, issottometti l-informazzjoni stabbilita fis-subqasam 2.	Artikolu 5(4)
		2	Il-politika u l-proċedura dwar il-funzjonament tad-DLT jew ta' teknoloġija simili, inkluż: (a) id-deskrizzjoni tat-titolu ġuridiku tal-emittent li japplika fid-DLT; (b) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-operatur, jekk differenti mill-emittent li japplika; (c) il-pjan tal-emittent li japplika jew tal-operatur terz dwar l-identifikazzjoni tar-riskju tad-DLT, l-identifikazzjoni tal-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-mitigazzjoni, u l-prevenzjoni; (d) rapport tal-awditu tekniku u tas-sigurtà dwar il-konsistenza tal-funzjonament tad-DLT mal-istandards tal-kwalità li jintużaw fis-suq, u dwar l-adegwatezza tal-pjanijiet imsemmija fil-punt (c); (e) fil-każ ta' DLT permessa, deskrizzjoni dettaljata tal-mekkaniżmi ta' trasparenza.	Artikolu 5(4), il-punti (a) sa (e)

4.5	Qafas ta' kontroll intern: AML/CFT	1	Meta jkunu previsti arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-applikant u l-forniturispeċifiċi ta' servizzi tal-kriptoassi, jew meta l-applikant ikun fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi, deskrizzjoni dettaljata mill-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi tal-mekkaniżmi u l-proċeduri ta' kontroll intern tiegħu f'konformità mal-obbligi skont id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jew ir-Regolament (UE) 2023/1113 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), inkluża valutazzjoni li tħares 'il quddiem tal-konformità kontinwa ma' tali obbligi għall-perjodu ta' żmien tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-emittent li japplika	Artikolu 5(5)
5	Ġestjoni tal-likwidità, assi ta' riżerva u drittijiet ta' tifdija	1	(a) deskrizzjoni ta' qafas komprensiv u dettaljat li tagħti stampa tal-kostituzzjoni, il-kompożizzjoni, il-ġestjoni, u s-segregazzjoni tar-riżerva ta' assi; (b) politika ċara u dettaljata li tiddeskrivi l-mekkaniżmu għall-istabbilizzazzjoni tat-token irreferenzjat ma' assi; (c) politika u proċeduri dettaljati dwar il-kustodja tar-riżerva ta' assi, inkluża l-modalità tal-kustodja magħżula; (d) politika ta' investiment ċara u dettaljata tal-assi ta' riżerva; (e) id-dettalji tal-arranġamenti kuntrattwali konklużi ma' partijiet terzi għall-operat, l-investiment u l-kustodja tal-assi ta' riżerva.	Artikolu 6(1)
		2	L-isem tal-konsulent estern li se jkun inkarigat mill-awditu indipendenti tar-riżerva tal-assi kull 6 xhur	Artikolu 6(1), punt (c)
		3	Il-politika u l-proċeduri għall-ġestjoni tal-likwidità, il-linji ta' rapportar lill-korp maniġerjali u kif se tiġi żgurata r-responsabbiltà tal-korp maniġerjali għall-ġestjoni prudenti tar-riżerva ta' assi	Artikolu 6(1), it-tieni subparagrafu
		4	Politika u proċeduri ċari u dettaljati li jiżguraw li d-drittijiet ta' tifdija f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2023/1114 jiġu ssodisfati, sommarju tal-pjan ta' rkupru li għandu jiġi żviluppat f'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2023/1114 u sommarju tal-pjan ta' tifdija li għandu jiġi ppreżentat f'konformità mal-Artikolu 47 ta' dak ir-Regolament	Artikolu 6(2)

6	Membri tal-korp tal-maniġerjali: identità u prova ta' reputazzjoni tajba, għarfien, ħiliet u esperjenza	Informazzjoni inkluża fil-kaxxa 6, suboqsma 1-5, li għandha tiġi ppreżentata għal kull membru tal-korp maniġerjali		
		1	Isem sħiħ, isem fit-twelid, post u data tat-twelid, indirizz u dettalji ta' kuntatt tal-post attwali ta' residenza, nazzjonalità jew nazzjonalitajiet, numru ta' identifikazzjoni, kopja tal-karta tal-identità	Artikolu 7(1)(a), (b), (c)
		2	*Curriculum vitae*, inklużi d-dettalji tal-pożizzjoni okkupata, id-data tal-bidu u t-tul tal-mandat, deskrizzjoni tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet ewlenin	Artikolu 7(1), punt (d)
		3	(e) l-istorja personali, inkluż dan kollu li ġej, f'dak li għandu x'jaqsam man-nazzjonalità jew man-nazzjonalitajiet tal-persuna, kif ukoll mal-postijiet ta' residenza tal-persuna fl-aħħar 10 snin: (a) fin-nuqqas ta' rekord kriminali fir-rigward ta' kundanni jew l-assenza ta' penali imposti skont il-liġi kummerċjali applikabbli, il-liġi dwar l-insolvenza u l-liġi dwar is-servizzi finanzjarji, jew fir-rigward tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, tal-frodi jew tar-responsabbiltà professjonali permezz ta' ċertifikat uffiċjali jew dokument ekwivalenti jew, jekk tali ċertifikati ma jeżistux, kwalunkwe sors affidabbli ta' informazzjoni li tikkonċerna n-nuqqas ta' kundanni, investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali; (b) informazzjoni dwar ir-rifjut tar-reġistrazzjoni, tal-awtorizzazzjoni, tas-sħubija jew tal-liċenzja biex jitwettaq kummerċ, negozju jew professjoni, jew l-irtirar, ir-revoka jew it-terminazzjoni ta' reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja, jew it-tkeċċija minn entità regolatorja jew tal-gvern jew minn entità jew assoċjazzjoni professjonali; (c) informazzjoni dwar it-tkeċċija minn impjieg jew pożizzjoni ta' fiduċja, relazzjoni fiduċjarja jew sitwazzjoni simili, jew il-fatt li l-persuna ntalbet biex tirriżenja minn impjieg f'tali pożizzjoni, bl-esklużjoni ta' jekk ma jkunx hemm xogħol għall-impjegat; (d) informazzjoni dwar jekk awtorità kompetenti oħra vvalutatx ir-reputazzjoni tal-persuna kkonċernata, inkluża l-identità ta' dik l-awtorità, id-data tal-valutazzjoni u l-evidenza tal-eżitu ta' dik il-valutazzjoni; (e) informazzjoni dwar jekk awtorità minn settur ieħor mhux finanzjarju vvalutatx il-persuna kkonċernata individwali, inkluża l-identità ta' dik l-awtorità, id-data tal-valutazzjoni u l-evidenza tal-eżitu ta' dik il-valutazzjoni;	Artikolu 7(1), punt (e)

		4	Deskrizzjoni tal-interessi finanzjarji u mhux finanzjarji kollha fir-rigward tal-persuna indikata li jaffettwaw materjalment l-affidabbiltà perċepita tal-membru	Artikolu 7(1), punt (f)
		5	Informazzjoni dwar l-impenn fil-ħin	Artikolu 7(1), punt (g)
		6	Riżultati ta' kwalunkwe valutazzjoni ta' kull membru tal-bord maniġerjali mwettqa mill-applikant u dikjarazzjoni tal-idoneità kollettiva tal-korp ta' ġestjoni	Artikolu 7(2) u (3)
7	Azzjonisti u membri b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti diretti u indiretti fl-applikant: informazzjoni dwar ir-reputazzjoni tajba biżżejjed tagħhom	Informazzjoni inkluża fl-oqsma 7.1–7.3 li għandha tiġi sottomessa għal kull azzjonist jew membru b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti diretti jew indiretti fl-applikant		
		1	Identifikazzjoni tal-azzjonisti u l-membri: Ċart li tippreżenta l-istruttura azzjonarja tal-applikant, inkluż it-tqassim tal-kapital u d-drittijiet tal-vot tiegħu u l-ismijiet tal-azzjonisti jew tal-membri b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti	Artikolu 8, il-punt (a)
		2	L-istruttura azzjonarja tal-applikant tinkludi azzjonisti li jaġixxu flimkien? ☐ Iva ☐ Le	
7.1	Informazzjoni dwar l-azzjonisti u l-membri b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti diretti jew indiretti li huma persuni fiżiċi	1	Informazzjoni dwar l-identità u l-integrità tal-azzjonisti jew membri diretti jew indiretti li huma persuni fiżiċi: (a) identità tal-persuna fiżika, f'konformità mar-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/413 ([6]); (b) kundanna kriminali, piena amministrattiva jew ċivili, jew miżura, sanzjoni u investigazzjonijiet pendenti, f'konformità mal-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/413; (c) informazzjoni dwar il-valutazzjoni preċedenti f'konformità mal-Artikolu 2(1)(c) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/413; (d) deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' negozju attwali tal-persuna u ta' kwalunkwe impriża li l-persuna tiddirieġi jew tikkontrolla, f'konformità mal-Artikolu 2(1)(e) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/413; (e) interessi finanzjarji u mhux finanzjarji tal-persuna u informazzjoni dwar kif dawn l-interessi huma ġestiti, f'konformità mal-Artikolu 2(2)(a) u (b) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/413.	Artikolu 8, punt (b)(i)

7.2	Informazzjoni dwar l-azzjonisti u l-membri b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti diretti jew indiretti li huma persuni ġuridiċi	1	Informazzjoni dwar l-identità u l-integrità tal-azzjonisti jew membri diretti jew indiretti li huma persuni ġuridiċi: (a) identità tal-persuna ġuridika, tas-sid benefiċjarju, tal-membri tal-korp tal-maniġerjali jew persuni li jidderieġu effettivament in-negozju u informazzjoni relatata mal-idoneità tagħhom, u r-rekwiżiti ta' informazzjoni l-oħrajn stabbiliti fl-Artikolu 1(2), (3), (4) jew (5) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/413, kif applikabbli; (b) kundanni kriminali, amministrattivi jew ċivili, investigazzjonijiet u proċedimenti pendenti, kif imsemmijin fl-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/413; (c) informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-idoneità, kif imsemmija fl-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/413; (d) deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' negozju attwali tal-persuna ġuridika u ta' kwalunkwe impriża li l-persuna tidderieġi jew tikkontrolla, kif imsemmija fl-Artikolu 3(1)(a)(iii) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/413; (e) informazzjoni finanzjarja, inklużi klassifikazzjonijiet tal-kreditu u rapporti disponibbli għall-pubbliku, dwar kwalunkwe impriża diretta jew ikkontrollata mill-persuna ġuridika, kif imsemmija fl-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/413; (f) deskrizzjoni tal-interessi finanzjarji u mhux finanzjarji tal-persuna ġuridika u deskrizzjoni ta' kif dawn l-interessi huma ġestiti, f'konformità mal-Artikolu 3(1)(b) u (c) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/413; (g) l-istruttura azzjonarja tal-persuna ġuridika, bl-identità tal-azzjonisti kollha li jeżerċitaw influwenza sinifikanti u s-sehem rispettiv tagħhom ta' kapital u ta' drittijiet tal-vot, inkluża informazzjoni dwar kwalunkwe ftehimiet tal-azzjonisti, f'konformità mal-Artikolu 3(1)(e) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/413;	Artikolu 8, punt (b)(ii)

			(h) meta l-persuna ġuridika tkun parti minn grupp, bħala sussidjarja jew bħala kumpanija omm, organigramma dettaljata tal-istruttura tal-grupp u informazzjoni dwar is-sehem tal-kapital u tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti b'influwenza sinifikanti fl-entitajiet tal-grupp u informazzjoni dwar l-attivitajiet li bħalissa jitwettqu mill-entitajiet tal-grupp, f'konformità mal-Artikolu 3(1)(f) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/413; (i) meta l-persuna ġuridika jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż terz, l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/413.	
7.3	Informazzjoni komuni għall-azzjonisti u l-membri b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti diretti jew indiretti li huma persuni naturali jew ġuridiċi	1	Identità u informazzjoni dwar il-membri tal-korp maniġerjali tal-applikant li nħatru jew li se jinħatru mill-azzjonist jew mill-membru b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti	Artikolu 8(c)
		2	Informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni kwalifikanti (numru u tip ta' ishma jew parteċipazzjonijiet oħra sottoskritti, il-valur nominali, kwalunkwe primjum imħallas jew li għandu jitħallas, kwalunkwe interess ta' garanzija jew piż maħluq fuq dawn l-ishma jew parteċipazzjonijiet oħra, inkluża l-identità tal-partijiet garantiti).	Artikolu 8(d)
		3	Informazzjoni dwar l-intenzjoni fir-rigward tal-parteċipazzjoni kwalifikanti (investiment strateġiku, ġestjoni tal-portafoll) Informazzjoni dwar azzjonijiet flimkien ma' partijiet oħra, inkluż il-kontribuzzjoni ta' dawk il-partijiet l-oħrajn għall-finanzjament tal-akkwiżizzjoni proposta Kontenut tal-ftehimiet tal-azzjonisti dežinjati relatati mal-governanza tal-emittent ma' azzjonisti oħra fir-rigward tal-entità fil-mira	Artikolu 8(e)
		4	Informazzjoni dwar il-finanzjament tal-akkwiżizzjoni tal-parteċipazzjoni kwalifikanti u tan-negozju tal-applikant għall-finijiet ta' prova tal-oriġini leġittima tiegħu, f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/413.	Artikolu 8, punt (f)

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1125 tal-5 ta' Ġunju 2025 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni f'applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex jiġu offruti tokens irreferenzjati ma' assi lill-pubbliku jew biex tingħata l-awtorizzazzjoni biex jiġu nnegozjati (ĠU L, 2025/1125, dd.mm.yyyy, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/1125/oj).

([2]) Id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 46, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1132/oj).

(3) Ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2554/oj).

(4) Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73, ELI:http://data.europa.eu/eli/dir/2015/849/oj).

(5) Ir-Regolament (UE) 2023/1113 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u ta' ċerti kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2015/849 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1113/oj).

(6) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/413 tat-18 ta' Diċembru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kontenut dettaljat tal-informazzjoni meħtieġa biex titwettaq il-valutazzjoni ta' akkwiżizzjoni proposta ta' parteċipazzjoni kwalifikanti f'emittent ta' token irreferenzjat ma' assi (ĠU L, 2025/413, 31.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/413/oj).